MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 628/2003

**Charmaine Grech**

**vs**

**Spiteri Maempel Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900) rappresentanti mija u erbghin gurnata *leave* dovuti lill-attrici, illi s-socjeta konvenuta ammettiet li huma dovuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittri interpellatorji datati 16 ta' Lulju 2002 u 13 ta' Settembru 2002 u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fil-11 ta' April 2003, fejn gie ecceppiet:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta’l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-ligijiet ta’ Malta).
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha u dana ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi assolutament ma huwiex minnu li s-socjeta konvenuta ammettiet li l-ammont mitlub huwa dovut u dan proprju ghaliex l-attrici, mat-terminazzjoni tal-impieg, giet imhallsa somma flus li kopriet dak kollu li kien dovut lilha skond il-ligi, u dana kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ingunta minn issa ghas-subizzjoni taghha.

Sema' x-xhieda ta’l-attrici, ta’ Benjamin Cassar u ta’ Mario Spiteri Maempel in rappresentanza tas-socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi l-kawza odjerna titratta hlas ta’ “leave” mhux mehud mill-attrici fil-kors ta’l-impieg taghha mas-socjeta konvenuta bejn is-snin 1996 u 2001. Illi s-socjeta konventa qieghda tecepixxi il-preskrizzjoni ta’l-azzjoni a tenur ta’l-artikolu 2147(c ) tal-Kodici Civili u cioe’ il-preskrizzjoni bid-dekors ta’ sena in konnessjoni ma’l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra imhallsin bix-xahar, ta’l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghal hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu.”

Illi l-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att dwar il-Kundizzjonijiet ta’l-Impieg) jaghti definizzjoni tal-kelma salarju jew paga fl-artikolu 2 bil-mod segwenti: “rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu bil-flus minn principal lil impjegat u tinkludi ukoll Bonus li ghandu jithallas skond

l-artikolu 29 ta’ dan l-Att”, u tinkludi taht id-definizzjoni tal-frasi kundizzjonijiet ta’l-impieg, il-pagi, il-perijodu ta’l-impieg, is-sieghat tax-xoghol u l-*leave*. Illi l-attrici ghalhekk qieghda tfittex permezz tal-presenti istanza hlas tal-paga taghha li hija kient intitolata tircevi ghal granet tal-btala li hija intitolata ghalihom skond il-ligi u kwindi l-artikolu iccitat mis-socjeta konvenuta ghar-rigward tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni huwa dak li japplika ghal kaz in dizamina.

Fil-kaz prezenti l-attrici permezz ta’l-avviz ipprezentat fil-25 ta’ Marzu 2003, qieghda titlob il-hlas tal-paga ghal-granet ta’ “leave” mhux mehuda fil-kors ta’l-impieg taghha fil-perijodu bejn l-1996 u is-sena 2001. Mill-att ta’l-avviz jirrizulta illi l-attrici kienet baghtet zewg ittri interpellatorji wahda fis-16 ta’ Lulju 2002 u ohra fit-13 ta’ Settembru 2003, liema ittri madanakollu qatt ma gew esebiti fl-atti tal-kawza u lanqas hemm konferma da parti tas-socjeta konvenuta illi fil-fatt irceviet l-istess.

Illi mill-atti tal-kawza ma jirrizultax illi l-attrici qieghda tattakka l-preskrizzjoni eccepita fis-sens illi din ma hijiex applikabbli ghal kaz taghha. L-unika prova illi hija tressaq hija l-allegazzjoni illi kien hemm ammissjoni min-naha tas-socjeta konvenuta illi l-ammont kien dovut, liema allegazzjoni giet kategorikament michuda minn Mario Spiteri Maempel in rappresentanza tas-socjeta konvenuta. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi kull darba illi l-attrici kienet iccempel lis-sur Mario Spiteri Maempel, huwa kien dejjem ighidlha illi irid jaghmel il-verifiki tieghu, haga li tfisser fiha innifisha illi huwa ma kienx qed jaccetta illi ghandu ihallasha dak li kienet qed titlob.

Illi l-attrici temmet l-impieg taghha mas-socjeta konvenuta fil-31 ta’ Awissu 2001 u intavolat il-presenti istanza ghal hlas tal-leave tas-snin 1996 sa 2001. Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq l-avviz odjern gie intavolat fil-25 ta’ Marzu 2003 u ghalhekk certament wara li kien ghadda il-perijodu preskrittiv ta’ sena.

Ghalhekk jonqos li jigi ezaminat jekk mill-provi prodotti jirrizultax illi il-preskrizzjoni ta'l-azzjoni giex interott b'xi mod dettat mil-ligi fil-frattemp.

Ikkunsidra,

Illi l-ligi tiddisponi tlett cirkostanzi li permezz taghhom jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni ( ara artikoli 2127 et.seq. tal-Kodici Civili). Dawn huma :

1. it-talba bl-att gudizzjarju.
2. l-gharfien tal-jedd tal-parti li kontra taghha hu ghaddej iz-zmien tal-preskrizzjoni.
3. il-hlas akkont.

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta illi l-uniku att gudizzjarju intavolat mill-attrici kien biss l-avviz odjern, stante illi ma jirrizultax mill-atti tal-kawza illi l-attrici qatt intavolat xi ittra ufficjali kontra s-socjeta konvenuta. Kwindi it-terminu preskrittiv ta' sena kien lehaq iddekorra kif gie sottolinjat iktar 'il fuq.

Illi it-Tribunal ghalhekk irid ighaddi sabiex jinvestiga jekk kienx hemm gharfien da parti tas-socjeta konvenuta ta' dan il-jedd ta'l-attrici, ezercitat permezz tal-presenti istanza. Illi l-attrici tallega illi Mario Spiteri Maempel, ghan-nom tas-socjeta konvenuta, kien ammetta illi kellu ihallasha l-ammont mitlub, izda dana gie kategorikament michud mill-istess xhud. Jidher illi kull meta kien jigi ikkuntattjat is-sur Spiteri Maempel, kien ighid lill-attrici li xtaq jaghmel il-verifiki tieghu ghar-rigward ta' dak li kienet qed titolbu, li certament ma tammontax ghal xi forma ta' ammissjoni.

Illi l-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u id-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li ikun iddekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 – Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission, u ukoll Appell

Superjuri 30.05.2003 – Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.)

Kwindi l-konversazzjonijiet telefonici li sehhew bejn il-kontendenti ma jistghux iwasslu ghall-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv, iktar u iktar meta Mario Spiteri Maempel jichad illi huwa qatt ammetta illi kellu jaghti xi flus lill-attrici.

Finalment ma jidhirx illi s-socjeta konvenuta qatt effettwa hlas akkont ta'l-ammont pretiz mill-attrici. Anzi l-istess Mario Spiteri Maempel jiddikjara illi meta intemm l-impieg ta'l-attrici f'Awissu 2001, huwa kien hallasha l-ammonti kollha li kienu dovuti lejha inkluz ghalhekk xi hlasijiet li kellhom isiru ghal granet ta' *leave* mhux mehuda.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-azzjoni ezercitata mill-attrici hija *fuori termine* peress illi l-perijodu tal-preskrizzjoni ta' sena lahaq iddekorra favur s-socjeta konvenuta meta gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, jiddikjara illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta'l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili u ghalhekk ighaddi sabiex jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------